



Ladislav BALKO

Imwielel fi Slepčany, is-Slovakkja, fl-1954

Edukazzjoni:

- 1978 Diploma fil-liġi – Fakultà tal-Liġi, Università Comenius fi Bratislava
- 1980 Lawrja fil-livell ta' Dottorat fil-liġi, u PhD (2000)
- 2002 Professur Assoċjat fil-liġi finanzjarja u kummerċjali

Esperjenza professjonali:

- 1980 – 1990 Ġurnalista mar-Radju Ċekoslovakk
- 1990 – 1991 Kap avukat fid-Direttorat tad-Dwana tar-Repubblika Slovakka
- 1991 – 1999 Diversi karigi maniġerjali, inkluża dik ta' Deputat Direttur Ġenerali fl-akbar bank kummerċjali Slovakka - Všeobecná úverová banka (VÚB)
- 2001 – 2004 Viċi Gvernatur u membru tal-Bord tal-Bank tal-Esportazzjoni u l-Importazzjoni tar-Repubblika Slovakka
- 2003 Uffiċjal Kap Eżekuttiv Ewlieni tal-Aġenzija governattiva Slovakka tal-Investment u tal-Iżvilupp Kummerċjali (SARIO)
- 2004 – 2006 Membru tal-Bord tal-Bank - l-ogħla korp governattiv tal-bank ċentrali — il-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja (NBS)
- 2006 – 2010 Viċi President tal-Bord tad-Direttori tal-Bank Slovakka tal-Garanzija u l-Iżvilupp (SZRB), li huwa proprjetà tal-Istat.
- 2006 – 2010 Konsulent tal-Prim Ministru tar-Repubblika Slovakka għall-finanzi u l-investment barrani
- 1995 – 2010 Lekċerer u aktar tard Kap tad-Dipartiment tal-Liġi Finanzjarja tal-Fakultà tal-Liġi fl-Università Comenius fi Bratislava; kien jagħti lekkers fil-finanzi pubbliċi, fil-liġi baġitarja, fil-kontrolli finanzjarji, fil-liġi tat-taxxa u tad-dwana, fil-kambju u fil-liġi dwar is-swieq finanzjarji. Huwa kiteb ħafna artikli xjentifiċi u professjonali dwar dawn is-suġġetti, kif ukoll diversi kotba għall-istudju dwar il-liġi finanzjarja.

Is-Sur Balko sar Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fis-7 ta' Mejju 2010.

Sat-30 ta' Jannar 2014, huwa kien Membru tal-Awla IV, responsabbli għall-awditu DAS għar-riċerka u politiki interni oħra u għall-awditu tal-prestazzjoni fl-istess qasam. Minn April 2012 'il quddiem huwa kien il-membru supplenti għall-Awla IV fl-Awla CEAD u mill-1 ta' Frar 2013 'il quddiem kien il-membru supplenti għall-Awla IV fil-Kumitat Amministrattiv. Barra minn hekk, is-Sur Balko kien membru tal-Kumitat tal-Awditjar Intern mit-12 ta' Frar 2012 'il quddiem u President ta' dak il-Kumitat mill-24 ta' April 2013 sat-28 ta' Frar 2014.

Fi Frar 2014, is-Sur Balko nħatar bħala Membru tal-Awla II "Politiki strutturali, trasport u enerġija" u kien, sa tmiem l-ewwel mandat tiegħu fil-Qorti f'Mejju 2016, Relatur għall-Kapitolu 6 "Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali" tar-Rapport Annwali u responsabbli għall-awditu DAS u għal bosta awditi tal-prestazzjoni fl-istess qasam. Barra minn hekk, huwa kien il-Membru li jirrappreżenta l-Awla II fl-Awla CEAD.

F'Mejju 2016, is-Sur Balko reġa' nħatar għat-tieni mandat bħala Membru tal-Qorti. Huwa jkompli bħala Membru tal-Awla II fejn huwa responsabbli għal bosta awditi tal-prestazzjoni.

Pubblikazzjonijiet:

- "Importance of the research for the Presidency and for the EU, especially in the context of the economic and financial crisis" (L-importanza tar-riċerka għall-Presidenza u għall-UE, speċjalment fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u ekonomika) [Seminar dwar is-Simplifikazzjoni "Simplification and strengthening the efficiency of research programmes" (Simplifikazzjoni u tisħiħ tal-effiċjenza ta' programmi ta' riċerka) - avveniment tal-Presidenza Belġjana - Brussell, l-14 ta' Lulju 2010]
- "New requirements for legal regulation of the EU budget and budgetary control" (Rekwiżiti ġodda għal regolamentazzjoni legali tal-baġit tal-UE u l-kontroll baġitarju) u "Legitimacy of own taxes of the EU" (Legittimità tat-taxxi proprji tal-UE) [Konferenza "Law as a Unifying factor of Europe- Jurisprudence and Practice" (Il-Liġi bħala Fattur ta' Unifikazzjoni tal-Ewropa - Ġurisprudenza u Prattika) - Bratislava, it-22 ta' Ottubru 2010]
- Preżentazzjoni tax-xogħol tal-Qorti, b'enfasi fuq l-awditu tan-nefqa għar-riċerka u, b'mod aktar preċiż, tal-finanzjament mgħoddi permezz tal-ERC [Kunsill Xjentifiku tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka - id-29 Laqgħa Plenarja - Brussell, id-9 ta' Frar 2011]
- "Holding research programmes to account" (Inżommu l-programmi ta' riċerka responsabbli) [Konferenza "Framework and the Innovation Union" (Il-Programmi Qafas u l-Unjoni ta' Innovazzjoni) - Brussell, l-1 ta' Ġunju 2011]
- "Decreasing the error rate and improving accountability" (Tnaqqis tar-rata ta' żball u titjib tal-obbligu ta' rendikont) [Smigħ tal-Grupp PPE dwar Orizzont 2020 "Il-Futur tar-Riċerka fl-UE" - il-Parlament Ewropew - Brussell, is-6 ta' Ġunju 2012]
- Il-kontribut tal-QEA għall-pubblikazzjoni fl-okkażjoni tal-anniversarju, SAO SR [Seminar dwar l-okkażjoni tal-20 Anniversarju tal-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar tar-Repubblika Slovakka – Bratislava, l-4 ta' April 2013]
- "Control power of the state and the role of the audit in addressing the current economic crisis" (Il-poter ta' kontroll tal-Istat u r-rwol tal-awditu fl-indirizzar tal-kriżi ekonomika attwali) [Forum Legali 2013 - Bratislava, 10-11 ta' Ottubru 2013]
- "The contribution of auditors to the improvement of the implementation system under Cohesion policy, the European Court of Auditor's perspective" (Il-kontribut tal-awdituri għat-titjib tas-sistema ta' implimentazzjoni taħt il-politika ta' Koeżjoni, il-perspettiva tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri) [It-23 Laqgħa annwali tal-awdituri Ewropej tal-Azzjonijiet strutturali - Il-Grupp tal-Omologi, Bratislava, it-22 ta' Settembru 2014]
- "Past Evidence, Current Experience and Future Perspectives" (Evidenza tal-Passat, Esperjenza Attwali u Prospettivi Futuri) [Diskussjoni f'Panel dwar il-Prestazzjoni u l-orjentazzjoni tal-FSIE lejn ir-riżultati, Konferenza tal-UE dwar il-Politika ta' Koeżjoni – Bratislava, il-15 ta' Settembru 2016]